MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 83/2012/2

**Ryan Briffa**

**v.**

**Avukat Ġenerali**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell tar-rikorrenti Ryan Briffa minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Diċembru 2012 li permezz tagħha ddikjarat li hi sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur ir-rikorrenti Ryan Briffa skont il-liġi; iddikjarat li l-istess rikorrenti Ryan Briffa naqas li jeżerċita tali rimedji minn jeddu; irrifjutat għalhekk li teżerċita s-setgħet tagħha skont is-sub-artiklou 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

## Rikors promotorju tar-rikorrent Ryan Briffa

**2.** Bir-rikors tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2012 ir-rikorrent Ryan Briffa talab lill-ewwel Onorabbli Qorti, in vista tal-fatti u għar-raġunijiet premessi fir-rikors:

“1. Tiddikjara illi fil-konfront ta’ Ryan Briffa kien hemm ksur tal-Artikolu 6 fair trial u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

“2. Tħassar u tannulla l-erba’ sentenzi illi ngħataw fil-15 ta’ Mejju 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali u tirrimetti l-istess atti biex jiġu deċiżi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati diversament preseduta u skont il-verbal tal-istess prosekuzzjoni illi fil-konfront ta’ Ryan Briffa riedet illi jkun applikat l-Artikolu 18 (reat kontinwat) kif ukoll tagħti kull rimedju opportun.

“3. Finalment tagħti kumpens xieraq in difett għall-vjolazzjonijiet lamentati.”.

**3.** Il-fatti miġjuba fir-rikors promotorju u li minnhom jilmentaw ir-rikorrent huma kif ġej:

“Illi l-Qorti tal-Maġistyrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fil-15 ta’ Mejju 2012 (Awla Dr F. Depasquale) kienet tat erba’ sentenzi fil-konfront ta’ Ryan Briffa fejn ikkundannatu komplessivament sitt snin ħabs barra multa sostanzjali. Ir-reati kollha illi ġew addebitati lilu kienu prinipalment dwar sewqan ta’ diversi vetturi mingħajr liċenzja jew għax kellu s-sentenza sospiża. Kien hemm xi reati oħrajn konsegwenzjali jew anke indipendenti.

“Illi skont kif jirriżulta mill-istess sentenzi, id-difiża u l-prosekuzzjoni qablu illi l-Qorti tittratta fuq dawn il-akkużi kollha kiontestwalment ma’ diversi akkużi li kienu qed jinġiebu kontra l-istess akkużat fl-istess jum u dan ħalli jiġi applikat “il-kontinwat”.

“Illi l-Qorti tal-Maġistrati qalet illi f’dan il-każ ma kienx hemm il-kontinwat peress “illi r-reat odjern sar b’vettura differenti minn dik tar-reati l-oħra. Din l-espressjoni tirrrepeti ruħha fis-sentenzi kollha.”

**4.** Ir-raġunijiet miġjuba fir-rikors promotorju u li għalihom jilmentaw ir-rikorrenti huma li ġejjin:

"**(1) Ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni u l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni**

"L-esponenti Ryan Briffa jikkontendi illi huwa ma kellux fair trial u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Ikonvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzjzoni.

"Illi l-fair trial jippresupponi illi għandha tiġi osservata l-liġi penali illi hija ta' interpretazzjoni strettissima.

"Huwa manifest illi l-Qorti tal-Maġistrati minflok applikat l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali illi jgħid "meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat".

"Dawn il-kliem jagħmilha ċar ill jekk wieħed jisraq xkora pastard illum, ġimgħa wara jisraq xkora kaboċi u ġimgħatejn wara xkora ġdur, dawn ma j iġux tlett serqiet differenti imma jekk jitressqu l-Qorti huwa reat kontinwat u jgħadd bħala reat wieħed għax jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi. Ċertament f'dan il-każ, ir-reati kollha tas-sewqan mingħajr liċenzja, ta' ksru kienu jagħmlu overlap minn waħda għall-oħra.

"Illi barra minn hekk, il-każ huwa tal-prosekuzzjoni. Il-prosekuzzjoni tixli u tagħżel dak li tixli u tista' tirregola anke x-xilja li tkun għamlet. Jekk il-prosekuzzjoni twaqqa aggravanti, il-Qorti ma tistax tgħid, minnkejja li l-prosekuzzjoni waqqgħet l-aggravanti, xorta ssib, il-ħtija għaliex il-parametri tal-akkuża tistabbilihom il-prosekuzzjoni u mhux il-Qorti. F'dan il-każ partikolari, kif jirriżulta mill-istess sentenza, kien hemm qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża illi l-kazijiet kollha kellhom jiġu trattati bħala każ wieħed u mhux każijiet separati.

“Kienet għal kollox sorpriża illi l-Qorti tal-Maġistrati qasmet f’#erba’ kawżi u tat il-piena għal kull wieħed u dan fuq il-bażi illi kienu karozzi differenti.

“L-Artikolu 18 ma jsemmix il-karozzi differenti imma jsemmi ksur tal-istess dispożizzjoni tal-liġi.

“Illi jidher illi l-Qorti tal-Maġistrati għaqqdet bil-kontinwat skont il-karozzi u mhux skont ir-reat. Qasmithom f’erbgħa meta bħala ammont ta’ akkuzi kien hemm wisq ikbar.

“Għalhekk il-0liġi penali ġiet applikata ħażin u dana b’detriment serju għall-esponenti.

**“(2) Ksur tal-Artiklu 7 tal-Konvenzjoni.**

**“**Illi hemm ukoll ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja għaliex Qorti ma tistax tinterpreta u tapplika l-liġi b’mod ta’ interpretazzjoni estensiva. Kif ġara f’dan il-każ, u ċioe’ billi tissostitwixxi flok il-kelma “reat wieħed”, “diversi reati li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi” tagħmilha tidependi fuq il-vetturi wkoll, tkun qed testendi l-interpretazzjoni tal-liġi u dan bi ħsara tal-akkużat.

“Illi dan ġab preġudizzju serju lill-esponenti għaliex ġabu f’sitwazzjoni illi l-piena effettiva, inklużi l-multi jekk jiġu kkonvertiti, ilaħqu prattikament madwar għaxar snin ħabs. Meta l-prosekuzzjoni aċċettat illi l-każijiet jingħaqdu kolha bħala reat kontinwat ħadd ma kellu d-dritt ibiddel dik il-poażiżżjoni u, stante li kienet ittieħdet deċizjoni fuqhom mill-prosekuzzjoni u ċertament id-difiża ma kienitx qed topponi, u anke kieku kienet topponi ma kien jiswa xejn, dak il-verbal illi ġie reġistrat, ġie effettivament stultifikat mill-istess Qorti.

“Dan kien verbal li kien jorbot lill-Qorti u ħalla l-parametri li setgħet taġixxi fihom. Kinet ukoll interpretazzjoni estensiva tal-liġi penali tal-poteri li kellha l-Qorti tal-Maġistrati li, minkejja li l-każ tal-prosekuzzjoni, tagħmlu tagħha u tispezzettah hija. Naturalment dan kien bi ħsara tal-esponenti.”

**<u>Ir-risposta tal-intimati Avukat Ġenerali</u>**

**5.** Fir-risposta tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012 l-intimat Avukat Ġenerali wieġeb billi, filwaqt li talab li t-talbiet kollha tar-rikorrent jiġu miċħuda bħala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, issottometta li:

1. In linea preliminari l-ewwel Qorti kellha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors u tirrifjuta li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha ai termini ta l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji quddiem il-Qorti kompetenti ai termini tal-liġi u għalhekk mhux intitolat li jintavola din il-proċedura li hija straordinarja u eċċezzjonali;

2. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda għaliex infondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Subordinatament u wkoll mingħajr preġudizzju, jirribatti l-allegazzjonijiet ta' ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja bħala insostenibbli stante li l-Qorti tal-Maġistrati b'sentenza tal-15 ta' Mejju 2012 sabet lill-akkużat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu fuq ammissjoni tiegħu stess wara li għarblet iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ skont id-dettami tal-ġustizzja u dan meta l-Qorti ma kinitx obbligata bil-liġi li tiddeċiedi dwar l-istess reati bħala kontinwati u kellha s-setgħa tikkalibra l-piena; jżid li effettivament il-Qorti hija obbligata li teżamina jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ għandhomx jiġu trattati o meno bħala reat kontinwat u li fi kwalunkwe każ il-fatt li l-Qorti

ddeċidiet mod ieħor bl-ebda mod ma tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif allegat;

4. Ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni għaliex ma hux minnu li l-Qorti tat xi interpretazzjoni estensiva kienet obbligata teżamina jekk iċ-ċirkostanzi għar-raġunijiet mogħtija fir-risposta tiegħu talab lill-ewwel Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra in vista tat-terminu qasir li kellu a dispożizzjoni tiegħu sabiex jintavola r-risposta tiegħu.

**6.** B'risposta ulterjuri tal-14 ta' Jannar 2013, l-Avukat Ġenerali żied jgħid dan li ġej:

1. Wieħed għandu jagħmel differenza bejn (a) jekk l-għemil kienx jikkostitwixxi reat fil-mument li tali għemil twettaq u (b) jekk l-għemil li twettaq mill-akkużat jammontax għal reat kriminali.

2. L-ewwel każ jikkonfigura fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni iżda t-tieni każ ma hux kwistjoni ta' natura kostituzzjonali u ma jikkonfigurax fl-Artikoli msemmija.

3. Il-fatti tal-każ ma jiffigurawx la fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u anqas fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni peress li dawn jipproteġu lill-individwu milli jkun akkużat b'xi aġir li, fil-mument li jkun wettqu, ma

jkunx jikkostitwixxi reat, li ma hux il-każ tal-lum, u l-fatt li r-rikorrent ma qabilx mal-Qorti li l-akkużi fil-konfront tiegħu ma għandhomx jitqiesu reat wieħed kontinwat u ma qabilx mal-motivazzjoni li tat l-istess Qorti ma jammontax awtomatikament għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

4. Jekk din il-Qorti jkun jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, li qed jiġi kontestat, dikjarazzjoni ta' ksur hija suffiċjenti.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**7.** Wara li rriproduċiet in suċċint ir-rikors promotorju tal-ġudizzju, ir-risposta tal-Avukat Ġenerali u r-risposta ulterjuri tiegħu, u wara li rrintraċċjat id-diversi tappi tal-iter proċesswali, l-ewwel Qorti għaddiet biex tiddeċiedi l-kawża kif ingħad[1] wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

"Ikkunsidrat:

"16.0. Illi skont id-depozizzjoni tal-ufficcjal prosekutur involuta jirrizulta li fis-seduta in dizamina tal-15 ta' Mejju, 2012:

"16.1. Kien hemm diversi kawzi indirizzati kontra r-rikorrenti odjern;

[1] Ara para. 1 supra

“16.2. Illi dawn il-kawzi kienu jikkoncernaw diversi reati;

“16.3. Illi l-mezz uzat f’dawn l-istess kawzi kienu vetturi differenti;

“16.4. Illi waqt is-smiegh tal-kawzi de quo issostni li kienet avvicinata mill-abbli rapprezentant legali tal-akkuzat, (irrikorrenti odjern);

“16.5. Illi l-istess abbli rapprezentant legali riferit filparagrafu precedenti talab lill-qorti biex ir-rati jingabru f’akkuza wahda u li fin-nuqqas t’oggezzjoni tal-ufficcjal prosekutur, jigi mizjud l-artiklu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, (ara fol 51);

“16.6. Illi effettivament l-istess ufficcjal prosekutur fuq riferita issostni li sar kif indikat fil-paragrafu precedenti;

“16.7. Illi l-istess ufficcjal prosekutur issostni li l-Magistrat sedenti oggezzjona ghall-proposta indikata;

“16.8. Illi in effetti l-istess Magistrat kolpit bl-istess kawzi anke iddikjara espressament fis-sentenzi in dizamina li filfatt ma kienux jezistu c-cirkostanzi xierqa biex ir-reat partikolari jitqies bhala reat wiehed kontinwat u bhala raguni ghal din il-konkluzjoni ddikjara li r-reat in dizamina sar b’vettura differenti min dik tar-reati l-ohra, (ara fol 29 u fol 32);

“Ikkunsidrat:

“17. Illi f’zewg sentenzi meritu tal-procedura odjerna, (ara fol 41 u fol 45), it-talba tad-difiza fuq riferita giet effettivament milqugha mill-qorti u ttiehdet in konsiderazzjoni mill-istess qorti fis-sentenzi rispettivi taghha;

“18. Illi s-sentenzi in dizamina nghataw kollha wara lammissjoni ghall-akkuzi da parti tal-akkuzat;

“Ikkunsidrat:

“19.0. Illi ghandu jkun pacifiku li l-verzjonijiet tal-fatti li allegatament sehhew quddiem il-Qorti tal-Magistrati u kif esposti mill-partijiet f’din il-procedura huma xi ftit jew wisq kontrastanti, u dan, stante:

“19.1. Illi r-rikorrenti jsostni li “d-difiza u l-prosekuzzjoni qablu illi l-Qorti titratta fuq dawn l-akkuzi kollha kontestwalment ma’ diversi akkuzi li kienu qed jingiebu kontra l-istess akkuzat fl-istess jum u dan halli jigi applikat “il-kontinwat” ,” (ara fol 1);

“19.2. Illi l-intimat isostni minflok li bhala fatt dak li effettivament gara fl-udjenza quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien li tressaq l-akkuzat biex iwiegeb ghal diversi reati tat-traffiku kommessi f’perjodi diversi izda, f’udjenza wahda;

“Ikkunsidrat:

“20. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta li r-rikorrenti odjern, qisu qed jindika li meta jkun hemm xi forma ta’ ftehim bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni, dan fih innifsu, jorbot idejn il-gudikant li jkun qed jippresjiedi;

“21. Illi dan mhux minnu u ma japplikax stante li lindipendenza tal-gudikant ghandha wkoll testendi ghallezercizzju tad-diskrezzjoni ragunata u legalment suffragata fuq il-piena;

“22. Illi dan qed jinghad ukoll minghajr pregudizzju ghall-fatt li fl-atti odjerni jirrizulta nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet kontendenti ghal dak li jirrigwarda x’effettivament gara fil-Qorti tal-Magistrati;

“23.0. Illi ghalhekk, f’dan ir-rigward, thoss li m’ghandha l-ebda alternattiva hlief li toqghod fuq ir-rizultanzi materjali ipprezentati in atti li sintetikament jindikaw is-segwenti:

"23.1. Illi qablu jew ma qablux id-difiza u l-prosekuzzjoni, fuq il-kwistjoni li qamet fil-Qorti tal-Magistrati rigwardanti r-reat kontinwat, jirrizulta li l-istess Qorti tal-Magistrati hadet dan il-fatt in konsiderazzjoni fis-sentenzi taghha in dizamina u indikat dana espressament fis-sentenzi de quo;

"23.2. Illi in effetti sahansitra jirrizulta wkoll li l-istess Qorti tal-Magistrati accettat dan l-argument sollevat mid-difiza f'zewg sentenzi partikolari, (ara fol 41 u fol 45), u ikkonsidratu favur l-akkuzat;

"23.3. Illi pero` fiz-zewg sentenzi l-ohra, (ara fol 29 u fol 32), wara li wkoll hadet in konsiderazzjoni tal-istess talba tad-difiza, cahdet l-istess talba u di piu` jirrizulta li tat ukoll ir-raguni ghaliex ghamlet hekk – u dan, effettivament ghaliex ir-reati postulati kienu ikkunsmati bl-uzu ta' vettura differenti;

"23.4. Illi in vista tas-suespost ghandu ghalhekk ikun pacifiku li konkluzjoni li reati ikkonsmati f'dati differenti u b'vetturi differenti, jikkostitwixxu reat kontinwat tkun wahda difettuza fil-logika u ghalhekk isostenibbli;

"23.5. Illi ghalhekk ir-rigettazzjoni tat-talba tad-difiza f'dawn iz-zewg (2) sentenzi partikolari kien effettivament att dovut;

"Ikkunsidrat:

"24. Illi ghandu jkun pacifiku li l-kawza odjerna hi wahda ta' natura kostituzzjonali fejn qed jigi rikjamat ksur ta' drittijiet fundamentali minhabba l-agir fuq sintetikament elenkat;

"25. Illi jirrizulta pero` li r-rikorrenti halla t-terminu tal-appell li seta' jutilizza bil-kumdita` jiskadi inutilment billi ghazel li jiddeklina li jezercita r-rimedju ordinarju li facilment seta' juza biex ikun jista' jindirizza kwalunkwe lanjanza li kien jidhirlu li timmerita l-approfondiment tad-doppio ezame;

> “26. Illi in effetti din il-mankanza tar-rikorrenti anke laqtet lattenzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li fid-decizjoni taghha flistess ismijiet datata t-13 ta’ Gunju, 2013, wkoll irrimarkat awtorevolment fir-rigward, (ara paragrafu tletin, (30), fol 20);
>
> “Ikkunsidrat:
>
> “27. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti naqas li jezawrixxi l-azzjonijiet kollha lilu spettanti stante li rrikorrenti odjern naqas li jezawrixxi l-azzjonijiet tal-appell lilu spettanti wara s-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati in dizamina;”

**L-appell ta’ Ryan Briffa**

**8.** Ir-rikorrent Ryan Briffa ħassu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija tal-ewwel Qorti tal-10 ta’ Diċembru 2013 u b’rikors tat-23 ta’ Diċembru 2013 appella minnha quddiem din il-Qorti u talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa’ t-talbiet tal-appellant bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

**9.** L-aggravji tal-appellant jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

1. Ir-reat kontinwat fil-Kodiċi Kriminali tagħna jippostula li jkun hemm żminijiet differenti u vjolazzjoni tal-istess liġi u l-liġi ma tgħidx li jekk ma tkunx l-istess vettura, jew jekk jinbidel il-lewn tagħha, jew tinbidel il-magna, ikun hemm tibdil fir-reat;

2. Ma hux korrett dak li skont l-appellant irriteniet il-Qorti tal-Maġistrati li Qorti Kriminali mhix marbuta mal-parametri tal-akkuża kif proposta mill-pulizija jew mill-Avukat Ġenerali in vista tal-indipendenza tal-qrati; dan għaliex l-azzjoni penali hija tal-prosekuzzjoni u mhux tal-Qorti li jistgħu jiġġudikaw fuqha iżda ma jistgħux jagħtu konfigurazzjoni *in peius* billi jġibu s-sitwazzjoni aktar gravi għall-imputat jew akkużat;

3. Waqt li huwa minnu li l-appellant ma għamilx appell fuq l-erba' kawżi deċiżi ħlief fuq waħda jsaqsi jekk kienx bilfors li l-erba' kawżi jiġu quddiem l-istess Imħallef biex jiġu trattati kollha flimkien jew "jidħol lura l-kontinwat".

**Ir-risposta tal-appell tal-Avukat Ġenerali**

**10.** L-Avukat Ġenerali wieġeb għall-appell bir-risposta tiegħu tas-7 ta' Jannar 2014 billi irribatta li l-aggravji tal-appellant huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li s-sentenza appellata għandha tiġi konfermata u dan għar-raġunijiet segwenti:

1. L-ewwel Qorti kienet korretta meta ddeklinat milli teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha in vista tal-fatt li l-appellant ma eżawrix ir-rimedji ordinarji quddiem il-Qorti kompetenti;

2. Il-fatt li l-appellant ma qabilx mar-raġuni għaliex l-ewwel Qorti ma kinitx tal-fehma li l-akkużi fil-konfront tiegħu kellhom jitqiesu reat kontinwat wieħed ma jammontax awtomatikament għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellant peress li l-Qorti ma kinitx obbligata bil-liġi li tqis l-istess reati bħala reat kontinwat għaliex dan jiddependi minn jekk issibx li l-appellant kellux l-istess riżoluzzjoni; u dan jiġi determinat minn min irid jiġġudika l-fatti;

3. Il-fatt tal-każ ma jikkonfigurawx f'dak previst fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni tenut kont tal-fatt li hawn mhuwiex il-każ ta' aġir li meta twettaq ma kienx reat iżda huwa każ fejn il-Qorti rriteniet li ma kienx jikkonfigura r-reat kontinwat skont il-liġi peress li sabet li ma kienx hemm l-istess riżoluzzjoni, liema deċiżjoni kienet waħda sindakabbli skont il-Kodiċi Kriminali;

4. Ma hux minnu li kien hemm xi ftehim bejn id-difiża u l-prosekuzzjoni fis-sens li l-appellant kien lest li jammetti t-talbiet bil-kundizzjoni li r-reati jiġu kunsidrati bħala reat kontinwat;

5. l-appellant kellu rimedju ordinarju effettiv konsistenti f'appell mis-sentenzi inkwistjoni fejn il-Qorti tal-Appell, trattandosi tal-istess appellant b'talbiet komuni fid-diversi rikorsi ta' appell, kien ikollha l-fakulta` li tipprovdi li d-diversi appelli jiġu definiti b'deċiżjoni waħda apparti li l-prattika hi li f'każijiet bħal dawn l-appelli jiġu assenjati lill-istess ġudikant appuntu biex jiġu evitati sentenzi konfliġġenti;

6. *dato ma non concesso* li li l-Qorti ssib li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellant fiċ-ċirkostanzi dikjarazzjoni ta' ksur għandha tkun suffiċjenti;

7. in vista tal-premess mhux il-każ li l-appellant huwa *vitma* taċ-ċirkostanzi allegati minnu.

**Fatti tal-kawza**

**11.** (a) Ġew esebiti mill-appellant ħames kopji ta' sentenzi li ngħataw, kollha bid-data tal-15 ta' Mejju 2012, fil-konfront tal-appellant mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preseduta mill-istess Maġistrat.

(b) Is-sentenza Dok. JB1 tirrigwarda reati kommessi fit-18 ta' Ottubru 2011 bl-użu ta' vettura bin-numru PE51VAJ u b'din is-sentenza l-Qorti, fuq ammissjoni, sabet lill-appellant ħati wara li, minkejja talba għal daqshekk "mid-Difiza, sekondata mill-Prosekuzzjoni", eskludiet il-kontinwat ma' reati oħra li kien imputat bihom separatament peress li ġew kommessi b'vettura diversa, u kkundannatu għall-piena ta' priġunerija għal sena u multa ta' elfejn Euro (€2,000), issospendietlu l-liċenzja għal perjodu ta' sena u ordnat il-konfiska tal-vettura PE51VAJ.

(c) Dok. JB2 hija kopja ta’ sentenza li tirrigwarda reati kommessi fid-19 ta’ Awwissu 2011 bl-użu tal-vettura DAĦ-983 u b’din is-sentenza l-Qorti, fuq ammissjoni, sabet lill-appellant ħati wara li, minkejja talba għal daqshekk “mid-Difiża, sekondata mill-Prosekuzzjoni”, eskludiet il-kontinwat ma’ reati oħra li kien imputat bihom separatament peress li ġew kommessi b’vettura diversa, u kkundannatu għall-piena ta’ multa ta’ elfejn Euro (€2,000), issospendietlu l-liċenzja għal perjodu ta’ sena u ordnat il-konfiska tal-vettura DAĦ-983.

(d) Dok. JB3, JB4 u JB5 huma kopji ta’ sentenza tal-istess Qorti rigwardanti reati kommessi fit-13 ta’ Frar 2011, u fit-30 ta’ Marzu 2011 bl-użu tal-vettura FBD 682 u wara li “fuq talba tad-Difiża, sekondata mill-Prosekuzzjoni“ sabiex titratta l-akkużi kollha kontestwalment ħalli jkun applikabbli l-kontinwat u wara li sabet li fil-każijiet imsemmija kienu jeżistu ċ-ċirkostanzi kollha sabiex ir-reati kollha jitqiesu bħala reat wieħed kontinwat, fuq ammissjoni sabet lill-appellant ħati u kkundannatu għall-piena komplessiva ta’ priġunerija għal sentejn u multa ta’ sitt elef u disa’ mitt Euro (€6900).

**12.** Fl-ewwel istanza xehdu wkoll l-Ispettur Maria Stella Attard, li kienet l-uffiċjal prosekutur quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-kawżi msemmija u xehed ukoll l-Avukat Dr. Joseph Brincat li dakinhar li ingħataw is-sentenzi fl-istess kawżi kien qiegħed jidher in difiża tal-appellant. Waqt li l-uffiċjal prosekutur

xehedet li hi kienet ġiet avviċinata mill-avukat Dr. Joseph Brincat u fl-udjenza Dr. Brincat talab lill-Qorti biex ir-reati jinġabru f'akkuża waħda u jekk hi (l-uffiċjal prosekutur) ma toġġezzjonax, jiġi miżjud l-Artikolu 18, u ċioe` l-artikolu fil-Kodiċi Kriminali li jikkontempla r-reat kontinwat. Min-naħa tiegħu Dr. Joseph Brincat xehed li kienet l-uffiċjal prosekutur li talbet li l-kawżi jinġabru f'kawża waħda u li tingħata sentenza waħda bil-kontinwat. Xehed li huwa qabel ma' din il-proposta tal-prosekuzzjoni, instemgħu x-xhieda u l-kawża ġiet differita għas-sentenza iżda flok ingħatat sentenza waħda ingħataw ħamsa li kopji tagħhom ġew esebiti kif fuq ingħad.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*Preliminari*

**13.** Fil-parti operattiva tagħha s-sentenza appellata rrifjutat li teżerċita s-setgħat tagħha skont is-sub-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni peress li ddikjarat li kienet sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat mir-rikorrent appellant huma jew kienu disponibbli favurih skont il-liġi u r-rikorrent appellant naqas volontarjament li jeżerċithom.

**14.** Għalhekk qabel tidħol sabiex tikkunsidra l-aggravji li jindirizzaw il-mertu tal-ilment tar-rikorrent appellant, din il-Qorti trid għalhekk tindirizza l-ostakolu

tal-parti operattiva tas-sentenza appellata u għaldaqstant ser tikkunsidra fl-ewwel lok **it-tielet aggravju** tal-appellant fejn jikkwestjona f'forma ta' sensiela ta' domandi u asserzjonijiet li minnhom jidher evidenti li l-appellant qiegħed jirreġistra nuqqas ta' qbil mal-parti operattiva tas-sentenza appellata.

**<u>Nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji</u>**

*Prinċipji*

**15.** Il-prinċipji applikabbli meta l-Qorti tiġi biex tiddeċiedi jekk ir-rikorrent għandux jew kellux għad-dispożizzjoni tagħhom rimedju ordinarju alternattiv u effettiv ġew delineati minn din il-Qorti f'diversi sentenzi tagħha u l-insenjament tal-qrati tagħna ġie miġbur b'mod komprensiv fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet **Olena Tetyak v. Direttur taċ-Ċittadinanza u *Expatriate Affairs*** (ara wkoll fost oħrajn: **Qorti Kost. Vincent Spiteri v. Onor Prim Ministru et**, 31/8/1977, **Dr. Mario Vella v. Joseph Bannister noe**, 7/3/1994, **Olena Tretyak v. Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs**, 16/1/2006; **Mouwafak Toutoungi et. v Kummissarju tal-Pulizija et.** 25/11/2011, **Stacey Spiteri et. v Direttur tar-Reġistru Pubbliku** 27/4/2012, u sentenzi oħra hemm ċitati.).

**16.** Fost il-prinċipji enunċjati u li jagħmlu għall-każ tal-lum hemm is-segwenti:

1. L-eżistenza tar-rimedju l-ieħor għandha tirriżulta bħala stat ta' fatt attwali u objettiv;

2. Ir-rimedju jrid ikun aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat;

3. Biex ir-rimedju jitqies effettiv m'hemmx għalfejn li jintwera li r-rimedju se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, imma jkun biżżejjed li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi;

4. Id-diskrezzjoni li għandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja sabiex min-naha waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaċċjati b'kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jfittxu rimedji oħrajn effettivi, u min-naħa l-oħra sabiex persuna ma tkunx imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni;

5. In-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeċiedi li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent;

6. Iżda meta jidher ċar li jeżistu meżż ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali.

7. Din il-Qorti bħala prinċipju ma tiddisturbax l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti konferita bl-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta iżda dan għandha tagħmlu jekk jirriżultaw raġunijiet serji u gravi ta' illegalita` jew ta' ġustizzja jew ta' żball manifest li jiġġustifikaw l-intervent tagħha (Ara Qorti Kost. **Vincent Spiteri v. Onor Prim Ministru et**, 31/8/1977, **Dr. Mario Vella v. Joseph Bannister noe**, 7/3/1994, **Olena Tretyak v. Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs**, 16/1/2006).

**17.** Fl-aggravju tiegħu fir-rigward tal-eżawriment tar-rimedji ordinarji l-appellant ma jikkontestax l-eżistenza tar-rimedju ta' appell bħala wieħed li kien disponibbli għalih. Dak li jidher li qiegħed jikkontesta huwa l-effikaċja ta' dan ir-rimedju fiċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu u jissolleva diversi kweżiti u jagħmel diversi osservazzjonijiet li fil-fehma tiegħu jġibu fid-dubju dan il-fatt.

**18.** Kif ritenut, iżda, biex ir-rimedju disponibbli jitqies effettiv m'hemmx għalfejn li jintwera li dan se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, imma jkun biżżejjed li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.

**19.** L-appellant isaqsi jekk kieku appella mill-erba' sentenzi (għaliex jgħid li appella fuq waħda mill-ħames sentenzi) kienx dawn ser jiġu quddiem l-istess Imħallef u jiġu trattati kollha flimkien jew "jidħol lura l-kontinwat" u jżid li jekk ikun hemm appell minn erba' sentenzi inferjuri jridu jingħataw erba' sentenzi. Min-naħa tiegħu l-appellat Avukat Ġenerali jsostni li r-rikorrent appellant kellu l-fakulta` li jappella mill-erba' deċiżjonijiet u jitlob lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex ir-reati kollha jiġu trattati bħala reat kontinwat u fi kwalunkwe każ seta' jitlob li l-piena tiġi kalibrata.

**20.** Il-Qorti hi tal-fehma li l-appell mis-sentenzi inkwistjoni kien rimedju mill-aktar evidenti li kien għad-dispożizzjoni tar-rikorrent appellant. Kieku appella kien mhux biss jagħti opportunita` lill-Qorti tal-Appell tindirizza l-ilmenti kollha tiegħu iżda kien ukoll jottjeni s-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi b'mod li ma kienx jispiċċa detenut pendenti l-kunsiderazzjoni tal-appelli tiegħu. Fil-fatt l-appellant stess jistqarr li għamel użu mir-rimedju tal-appell għar-rigward ta' waħda mis-sentenzi iżda ma utilizzahx fil-konfront tal-erba' sentenzi l-oħra li minnhom jilmenta f'dawn il-proċeduri. Għalhekk kienet b'għażla tiegħu stess

kemm li ma appellax mis-sentenzi inkwistjoni kemm li ppriva lilu nnifsu mill-possibilita` li b'sempliċi rikors jitlob lill-Qorti tal-Appell sabiex l-appelli kollha – li kieku appella mis-sentenzi kollha – jinstemgħu mill-istess Imħallef sabiex jiġu trattati kontestwalment minħabba l-konnessjoni li huwa kien isostni li kienet teżisti bejniethom u *occorrendo* sabiex tkun tista' tingħata sentenza waħda kif sar fil-każijiet li hekk dehrilha kellha tagħmel il-Qorti tal-Maġistrati fil-proċeduri kriminali inkwistjoni. Dan il-proċess ħafna drabi jsir anki amministrattivament f'dawk il-każijiet fejn ir-Reġistratur jistabilixxi li hemm konnessjoni bejniethom anki fin-nuqqas ta' rikors appożitu mill-parti interessata.

**21.** Naturalment, jekk wieħed jibqa' passiv allura ma jkunx jista' jipprevalixxi ruħu mill-possibilitajiet provduti mill-Ordinament Ġuridiku tagħna. Iżda min jagħmel hekk ma jistax imbagħad jilmenta li ġie aggravat.

**22.** Il-Qorti hi għalhekk sodisfatta li kienu jeżistu rimedji aċċessibbli, xierqa, effettivi u adegwati biex jindirizzaw b'mod sħiħ il-ksur lamentat mir-rikorrent appellant u li setgħu jiġu segwiti b'mod prattiku u hi tal-fehma li l-ewwel Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha korrettement u ma ssibx raġuni għaliex għandha tiddisturba dik id-deċiżjoni. Dan l-aggravju tal-appellant qiegħed għalhekk jiġi miċħud u konsegwentement is-sentenza appellata ser tiġi konfermata tenut kont tal-fatt li raġġunta l-konklużjoni premessa ma hemmx lok li jiġu indirizzati l-aggravji l-oħra tal-appellant.

**Decide**

Għall-motivi premessi din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------